# IS-SENA U L-BNIEDEM

*Ta'* Ġużè' Ellul-Mercer

IS-SENA u l-bniedem ġew biex iħallu lil xulxin—biex jinfirdu. Is-sena—bla qalb, bla ħniena, bla mogħdrija—dlonk daret fuq il-bniedem u qaltlu :

— Inħossni bla sabar biex, darba għal dejjem inħallik ; biex nagħmel wisa' għal ta' warajja; biex narġa' mmur mnejn ġejt... Li kelli nagħmel, għamiltu. X'baqagħlek tgħidli jew titlobni, qabel ninfirdu għal dejjem?

Il-bniedem taħa daqqa ta' għajn bierda; ftakar kemm kienet sqietu mrar u nkejja; ftakar kemm niket kien ġarrab fiha; u b'leħen dgħajjef weġibha :

— Is-sliem għalik, ja sena ! Li kont tifhem ħsiebi jew kliemi, jew li, bħali, kellek qalb li tħoss u moħħ li jaħseb, kont nitolbok tgħid lil ta' warajk biex iġġib ruħha miegħi ftit aħjar milli ġibt int... Iżda, la darba għalik u għal dawk li għad iridu jiġu warajk u għal dawk li ġew qablek, in-niket u l-hemm tiegħi u tal-bqija ma jfisser xejn; la darba l-uġigħ, il-mard, il-ġuħ u l-bard, il-ħajja u l-mewt għalik ma jfissru xejn ; la darba, għalik, ix-xejn huwa kollox u kollox hu bħallikieku kien xejn; jaqbilli ngħidlek biss : "Is-Sliem !" u jalla t-tifkira tiegħek tintemm bħallikieku qatt ma kienet! Jalla, meta tkun mort ma tħallix warajk id-dell tiegħek! B'hekk jibqagħli daqsxejn tal-ħila biex, għallinqas, meta niltaqa' ma' ta' warajk, biex magħha nitqabad u nitlef, bħalma tlift miegħek—jibqagħli saħħa biżżejjed u tama biżżejjed sabiex nerfa' għajnejja 'l fuq u nintebaħ kemm m'jien xejn, kemm hi dgħajfa l-ħila tiegħi u kemm, jekk nitlef, din it-telfa ma jkollha tifsira għal ħadd, ħlief għalija...

— Mur! Tbiegħed! U miegħek ħu u biegħed għal kollox minni, it-tifkira tiegħek!

Iżda s-sena, bla moħħ u bla qalb, kienet tbiegħdet u marret u ntilfet u ġiet fix-xejn, qabel ma l-bniedem kien temm l-ilment tiegħu u ntebaħ li kien waħdu. Kienet għebet mingħajr ebda ħoss — u żiffa kiesħa, donnha daħka kbira ta' tmelliħ f'nofs id-dalma tal-lejl, nebbhet lill-bniedem li kien jeħtieġlu jerġa' jxammar u mill-ġdid ihejji ruħu għat-taqbida; għaliex ta' warajha kienet daħlet, kienet resqet, kienet miegħu.



# LI TIŻRA' TAĦSAD

*Ta'* Vic Apap

"IMXI miegħi... Imxi miegħi, qed ngħidlek !", beda jgħajjat Wenzu waqt li karkar lil ibnu minn driegħu u telaq jiġri bih lejn il-għolja fejn it-tifel kien qallu li ġie msawwat minn wieħed ikbar minn.

"Le, pà. ħallini hawn id-dar, għax jerġa' jsawwatni", kien qed igħid Toni fost l-ilfiq. "Dak ikbar minni, ma nagħmel xejn miegħu".

"Int ġifa, ibni, għalhekk isawtuk. Jien irridek titla' raġel ma tibża' minn ħadd, lanqas jekk ikun hemm min hu daqsek darbtejn".

U hekk, fost il-biki ta' Toni u l-għajat u d-dagħa ta' Wenzu, it-tnejn waslu fuq il-għolja ta' barra Ħal Warda fejn ftit qabel Toni kien qala' daqqtejn sewwa mingħand Ġużepp, tifel b'saħħtu u ma jibża' minn ebda tifel ieħor tar-raħal.

Malli raw lil Toni ma' missieru, it-tfal kienu sa jitilqu jiġru, imma Wenzu waqqafhom b'leħen ta' qilla.

"Ieqfu hemm għedtilkom għax niftaħ in-nar fuqkom", heddidhom Wenzu.

It-tfal qabdithom rogħda f'riġlejhom u ma felħux jiġru.

"Ersqu 'l hawn", sejjaħ Wenzu lit-tfal. Ilkoll imxew lejh qishom ħrief. "Min minnkom sawwat lil Toni tiegħi?" staqsiehom bl-aħrax.

"Mhux jien', wieġbu mbikkija t-tfal barra minn wieħed.

— "Jiena ma rridx naf min ma sawtux lil Toni, imma min sawtu", raġa' ried jaf.

Ġużepp intrass minn qaddu. ta passejn 'il quddiem lejn Wenzu u qallu : "Kellna xi ngħidu jien u hu u ġejna fl-idejn".

"Dak li ridt naf minn għandek", qal Wenzu.

It-tfal l-oħra kienu sa jaqbdu n-niżla jiġru x'ħin leħen Wenzu raġa' ħasadhom.

"Min bagħatkom? Ersqu 'l hawn ; m'għandkomx għaliex tibżgħu. M'jien sa mmiss lil ħadd minnkom". Imbagħad dar fuq Ġużepp u qallu : "Agħtih daqqtejn oħra lil Toni".

Ġużepp hawnhekk bħal baża' u ma tħarrekx.

"Agħtih daqqtejn għedtlek, jew ma smajtx?"